KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 12_17/12/09 VI**

## MINUTI TAT-TNAX IL SEDUTA

**It-tnax-il seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet il-Ħamis **17 ta' Diċembru 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Viċi Sindku:** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Yves Bobby Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea**<br>**Nicolai Gauci**<br>**Patrick Pace** |
| **Dep. Seg. Eżekuttiv:** | **Stefania Friggieri** |
| **Assistant Principle:** | **Althea Borg** |
| **Skuzat:** | **Martin Debono** |

Is-seduta bdiet fil-5.55pm ta' fil-għaxija b'din l-agenda

1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 11_2/12/09
2. Materji konnessi mal-minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv
4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. Approvazzjoni tal-*quarterly report* u *financial indicator report* - Lulju sa Settembru 2009
7. Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv
8. Ħruġ ta' tender għal siġar fi Triq Dingli
9. Affarijiet Oħra
10. Deċiżjoni dwar id-data tas-seduta tal-kunsill li jmiss

Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

## 1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 11_2/12/09

1.1 Il-viċi sindku J. Gonzi pproponiet li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 11_2/12/09 filwaqt li l-kunsillier J. Galea ssekonda. Is-sindku N. Dimech u l-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, N. Gauci P. Pace ivvotaw favur. Il-kunsillier C. Engerer astjena minħabba li ma kienx preżenti fl-aħħar seduta. Il-minuti ġew approvati.

## 2. Materji konnessi mal-minuti

Ma kienx hemm materji konnessi.

## 3. Korrispondenza u komunikazzjonjiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv

3.1 Is-sindku informa lill-kunsilliera preżenti li l-kunsill huwa intitolat għal parkeġġ riżervat quddiem l-uffiċċju tal-kunsill. Il-kunsilliera qablu li għandna nagħmlu din it-talba lill-Awtorita Dwar it-Trasport fejn il-parkeġġ riżervat ikun bil-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

3.2 Is-sindku għarraf lill-membri tal-kunsill preżenti li kemm jista jkun titnaqqas il-korrispondenza waqt il-laqgħa tal-kunsill. Fakkar ukoll li kienet ittieħdet deċiżjoni li ċertu komunikazzjonijiet jintbagħtu permezz ta' email u tintbgħat r-risposta lura mill-kunsilliera u f'każ li l-kunsill ma jirċiviex risposta fi żmien tlett ijiem ir-risposta tkun waħda pożittiva. Il-kunsilliera M. Aquilina qalet ukoll li importanti li wħud mid-deċiżjonijiet iridu jittieħdu waqt laqgħa ta' kunsill u mhux permezz ta' email biss. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma dan kollu.

3.3 Is-sindku N. Dimech spjega dwar il-proċess tal-ġbir ta' skart riċiklatt. Is-sindku qal li ż-żewġ kumpaniji li huma tal-Green MT u Greenpak xorta għandhom is-*subcontractors* tagħhom għaliex għad m'għandhomx trukkijiet tagħhom. Is-sindku qal li hu jixtieq li l-kunsill jagħti servizz lill-ħwienet ukoll g]al dawn il-jiem ta'festi billi jinġabrilhom l-iskart riċiklat. Is-sindku qal ukoll li hu xtaq li l-kumpanija li nagħżlu tkun tista tagħmel *advertising campaign* b'xejn. Is-sindku qal li preżentament ħafna mill-kunsilli diġa għamlu ftehim ma xi kumpanija jew oħra, pero apparti l-kunsill tagħna hemm il-kunsill ta' San Giljan li għadu ma laħaq ftehim ma l-ebda kumpanija u s-sindku nforma lill-kunsilliera preżenti li kiteb lill-kunsill ta' San Giljan fejn infurmah li l-kunsill ta' tas-Sliema huwa interessat li jaħdem bil-kollaborazzjoni miegħu. Is-sindku ssuġġerixxa li għalissa nqabbdu lil *Veljo Services* biex jiġbor l-iskart separat tal-ħwienet f'dawn iż-żminijiet ta' festi. Eventwalment f'Jannar il-kunsill jiltaqa kemm mal-GreenPak kif ukoll mal-Green Mt jara l-aħjar offerta, u jitlobhom jagħmlu żmien ta' prova u jimxi minn hemm. Il-kunsill qabel ma' dan. Sadanittant is-sindku rrimarka dwar iċ-ċekk li kien qiegħed fl-iskeda tal-pagamenti f'isem il-Wasteserv għall-iskart li ġie depożitat fil-magħtab għax-xahar t'Ottubru. Ġie nnotat ukoll li dawn il-flus ġew rifonduti mid-Dipartiment ta' Gvern Lokali għax-xhur Ottubru, Novembru u Diċembru. Madankollu s-sindku r-rimarka li ilu jitlob għal ħafna biex jiltaqa mal-Wasteserv anke biex jiex jiddiskutu l-ftehim iżda s-Sur Bajada kien qiegħed ikun diffiċli biex jiltaqa' mas-Sindku. Il-kunsill qabel li għalissa jinżamm dan il-pagament. Il-kunsill qabel ukoll li kien ikun aħjar kieku dawn tħallsu dirett mill-Gvern, milli l-flus jiġu rifonduti lill-kunsill u l-kunsill irid iħallas lil Wasteserv.

3.4 Il-kunsill informa li ġab il-kwotazzjonijiet minn Ta' Kolina, Ta' Kris kif kien miftiehem fl-aħħar seduta tal-kunsill. Ġie nnotat ukoll li ma stajniex nġibu t-tielet kwotazzjoni mil-Brazilian Restaurant għaliex kienu diffiċli biex jiġu kkuntattjati. Il-kunsill qabel li jġib stima

oħra mir-Ristorante Del Capo. Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera preżenti li l-ikla tal-Milied issir fil-21 ta' Diċembru 2009.

*Ġie skużat li jitlaq mis-seduta il-kunsillier N. Gauci fis-6.40pm*

3.5 Is-sindku N. Dimech infurma lill-kunsilliera preżenti dwar il-*leasing agreement* li kien intbagħat mill-Wasteserv. Kien hemm xi wħud mill-kunsilliera li qalu li għadhom ma rawħx. Ġie deċiż li dan jerġa jintbagħat u jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

3.6 Is-sindku N. Dimech ressaq għall-attenzjoni tal-kunsill il-minuti tal-laqgħa li kienet saret dwar il-pjanijiet lokali fit-12 ta' Ottubru 2009. Kopji ta' dawn kienu ntbagħtu lill-kunsilliera kollha. Il-kunsilliera M. Aquilina ġibdet l-attenzjoni li kien hemm nota mill-kunsillier M. Debono fejn kien semma li hawn ħafna tfal bil-kanċer tal-leukaemia li tista tiġi kkawżata mil-ħafna dħaħen li jiġu ġġenerati. Il-kunsill qabel li din in-nota għandha tinbgħat għall-attenzjoni tal-MEPA.

3.7 Tressqet għall-attenzjoni tal-kunsill il-proposta li kien ipprepera l-kunsillier B. Cali rigward l-*istreet banners* li kopja ta' din kienet intbagħtet lill-kunsilliera kollha. Sadanitant il-kunsilliera ġew infurmati wkoll li l-kunsill kien irċieva ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fej qal li huwa llegali li xi individwu jew organizazzjoni (inkluż il-kunsill lokali) iwaħħlu riklami jew posters ta' attivitajiet ma' arbli tad-dawl, ħitan u sinjali oħra tat-trasport. Il-kunsill qabel li għandu jipprepera *bye laws* permezz ta' l-avukat tal-kunsill dwar *street banners* bl-istess proposta.

3.8 Il-kunsillier B. Cali ġibed għall-attenzjoni tal-membri tal-kunsill li rċieva diversi kummenti pożittivi dwar id-dehra ġdida tal-magażin tal-kunsill kif ukoll dwar is-siġar tal-Milied li tpoġġew f'Tas-Sliema. Fuq dan il-punt il-kunsilliera M. Aquilina rrimarkat dwar il-kont li nħareġ lis-Sur Peter Caleja dwar il-ħames mitt ponsietta li kif ikkalkulat kull ponsietta ġiet tiswa madwar Ewro 9.50 il-waħda. Is-Sindku N. Dimech spjega li l-ftehim kien li ħafna minnhom iridu jiġu mibdulin kull darba li jkun hemm bżonn bla spejjes żejda minħabba li dawn huma ponsietti friski. Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li d-deskrizzjoni tal-invoice mhijiex qegħda dettaljata. Is-sindku qal li f'dan il-każ iċ-ċekk għandu jinżamm filwaqt li l-kunsill jinforma lil *contracts manager* tiegħu sabiex jara kemm il-ponsietta tbiddlet. Sadanittant l-invoice trid tiġi mmodifikata b'iżjed dettalji. Fuq dan il-punt il-kunsilliera M. Aquilina rrimarkat ukoll dwar iċ-ċekk għal *consultancy services* maħruġ f'isem is-Sur Peter Calleja. Is-sindku spjega li dak huwa servizz ta' konsultazzjoni dwar il-*fairy lights* għas-siġar ta' matul il-*promenade*.

3.9 Il-kunsillier S. Camilleri kienet talbet li tirriżenja permezz ta' email, mis-sotto kumitat tal-kultura għal raġunijiet personali. Ftit wara l-kunsilliera S. Camilleri bgħatet ittra oħra fejn talbet li l-ittra ta' qabel tiġi rrifjutata u tibqa fil-kumitat. Is-sindku qal li hu xtaq li jkollu aktar spjegazzjoni filwaqt li spjega li dalwaqt l-liġi se tiġi riveduta fejn kunsillier wieħed biss jista jkollu responsabbilta ta' dekasteru wieħed. Il-kunsilliera S. Camilleri sadanittant qalet li sakemm tiġi emendata l-liġi ma tixtieqx tibqa f'dan is-sotto kumitat.

3.10 Is-Sindku tkellem dwar l-informazzjoni tal-Berga fejn qal li dan il-kunsill kien għadu ma jafx f'hiex wasal il-proċess dwar il-Berga. Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li d-diskussjonijiet dwar *refurbishment* tal-Berga kienu ilhom li bdew mil-kunsill ta' qabel. Il-kunsill qabel li l-viċi sindku J. Gonzu u l-kunsillier P. Pace għandhom jiltaqgħu biex isegwu l-proċess dwar il-Berga.

3.11 Tressqu ħames talbiet għal *reserved parking* għall-approvazzjoni tal-kunsill. Għat-

talba bir-riferenza 153 fi Triq San Pietru s-sindku talab li jastjeni minħabba li tista tkun konflitt ta' interess. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu li din għandha tingħata.

Il-kunsilliera preżenti unanimament qablu li għandhom jingħataw r-*reserved parking* lil:

Rif 152 Triq Tonna
Rif 155 Triq Amery
Rif 154 Triq Nicolo Isouard
Rif 156 Triq Gafar

*Il-kunsillier C. Engerer ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-8pm*

3.12 Il-kunsillier J. Galea ressaq il-proposta dwar il-proġett ta' Dingli Circus PA 01764/05. Il-kunsill ġie imfakkar li sadanitant kien bagħat oġġezzjoni lil MEPA dwar il-proġett propost li jaqa l-Metropole u jsir żvilupp residenzjali. Il-kunsillier J. Galea qal li parti minn dan il-proġett jista jiġi utillizat l-ilma bħala resevoir. Il-kunsill qabel li għandu jibgħat il-proposta tiegħu lill-Ministeru u jintbagħtu pjanti uffiċjali. Għal dan il-proġett il-kunsill għandu jinvolvi lill-perit tal-kunsill kif ukoll lis-Sur Edward Said mil-Fondazzjoni Wirt Artna.

*Il-kunsillier E. Cuschieri ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-8.10pm.*

*Il-viċi sindku J. Gonzi ġiet skużata li titlaq mis-seduta fit-8.15pm*

3.13 Il-kunsillier J. Galea tkellem dwar il-UIF funds u kif jistgħu jintużaw għal proġetti. Issemma wkoll id-devoluzzjoni ta' *Sliema Playing Fields.* Reġa issema wkoll il-proġett tal-parti ta' fuq fi Triq Dingli (fejn tliet siġriet). Għandha ssir laqgħa ta' koordinazzjoni mal-kunsilliera M. Debono u J. Galea u l-perit tal-kunsill.

3.14 Il-kunsill irċieva korrispondenza mis-sur Edward Martin fejn talab li kemm jista jkun l-attivitajiet fis-Sajf li jsiru matul il-*promenade*/Ġnien Indipendenza jiġu limitati għal darba fix-xahar. Il-kunsill ma qabilx għaliex hu jkun jaf meta l-attivitajiet għandhom jiġu approvati.

3.15 Dwar il-memo 76/2009 li tirrigwarda l-ħinijiiet tal-ħaddiema ta' l-IPSL, il-kunsill qabel li għandhom ikunu mis-7am sat-3pm.

3.16 Is-sindku N. Dimech staqsa jekk il-kunsill jaqbilx li nagħmlu *refurbishment* ta' l-uffiċċju tal-kunsill li tinkludi l-għamara eċċ. Il-kunsilliera preżenti qablu ma dan.

3.17 Is-sindku irrefera għall-ispeċifikazzjonijiet għal ħruġ ta' *tender* dwar il-*photo voltaic cells* fejn il-kunsill kien talab għall-istima mil-perit tal-kunsill. Il-kunsill ġie infurmat li din tammonta għal ammont ta' l-700 ewro. Il-kunsll qabel li għandu jipproċedi.

**4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera**

Ma ġewx diskussi.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Kien hemm dawn l-emmendi: ċekk numru 10782 u 10808 ġew ikkanċellat minħabba li sar *mis print* fuq iċ-ċekk allura dawn se jkunu fl-iskeda li jmiss fil-*grey area* b'ċekk

numru 10823 u 10824 rispettivament.

Is-sindku N. Dimech ippropona li tiġi approvata l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 10734 sa 10822 hekk kif emmendati mingħajr dak għal wasteserv u kif ukoll dak dwar il-ponsiettas indirizzat lis-Sur Peter Calleja kif ġie diskuss f'din l-istess seduta. Il-kunsillier J. Galea issekonda. Il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri u P. Pace ivvotaw favur. Il-pagamenti ġew approvati bi qbil unanimu.

Fuq dan il-punt is-sindku N. Dimech għadda proposta biex il-kunsill jibda jeħles il-pagamenti li huma kuntrattwali minn qabel is-seduta biex b'hekk tiġi ppreżenta lista inqas għal waqt is-seduta. Sadanittant il-pagamenti li jinħarġu b'mod kuntrattwali ikun għalihom. Il-kunsilliera preżenti M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, J. Galea u P. Pace qablu ma din il-proposta.

**6. Approvazzjoni tal-*quarterly report* u *financial indicator report* - Lulju sa Settembru 2009**

Is-sindku N. Dimech irrefera għar-rapporti li kienu tqassmu lill-kunsilliera. Is-sindku rrimarka li l-pożizzjoni finanzjara hija waħda pożittiva ħafna filfatt il-percentaġġ huwa ta' madwar 55.68 %.

Is-sindku N. Dimech ippropona li jiġu approvati r-rapporti finanzjarji. Il-kunsillier J. Galea issekonda. Il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri u P. Pace qablu li jiġu approvati.

**7. Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Is-sindku infurma lill-kunsilliera preżenti li meta jispiċċa s-segretarju eżekuttiv preżenti għandu jinħatar deputat segretarju ieħor minħabba li d-deputat segretarju eżekuttiv li hawn preżenti se toħroġ bil-leave tal-maternita f'Jannar 2010. Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li għalija li ma tagħmilx differenza min ikun basta li l-affarijiet isiru kif suppost u jkun hemm unjoni bejn l-istaff. Is-sindku qal li filfatt meta tiġi lura Stefania Friggieri dan il-każ jerġa mressaq kunsill. Is-sindku ppropona li sakemm tiġi lura d-deputat segretarju eżekuttiv S. Friggieri għandha tkun f'din il-kariga Althea Borg. Il-kunsilliera preżenti qablu ma dan.

**8. Ħruġ ta' *tender* għal siġar fi Triq Dingli**

Is-sindku ppropona li nsejħu *tender* sabiex jinxtraw u jitpoġġew siġar fi Triq Dingli. Il-kunsill qabel ma dan.

**9. Affarijiet Oħra**

9.1 Il-kunsillier P. Pace qal li minkejja l-kunsill qiegħed jikteb kontinwament lil Mater Dei Superiors fejn jaqvza li l-kunsillier P. Pace għandu laqgħat tal-kunsill xorta qiegħed isib problemi mis-superjuri tiegħu. Is-sindku N. Dimech qal li l-kunsill se jkompli jagħti s-support meħtieġ u se jkellem lill-Onorevoli Chris Said.

**10. Deċiżjoni dwar id-data tas-seduta tal-kunsill li jmiss**

Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 20 ta' Jannar, 2009 fil-5.30pm.

Is-seduta ntemmet fid-9pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Stefania Friggieri**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**